MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Numru 194/2003

Il-Pulizija
(Sp Stephen Mallia u
Sp Chris Pullicino)
vs
Robert Silvio Zammit, iben Alfred,
imwieled Pieta' fit-8 ta' awissu, 1968

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli ġewwa San Gwann, fit-30 ta' awissu, 2002 u fix-xhur ta' qabel –
1. kellu fil-pussess tiegħu, jew taħt il-kontroll tiegħu, kif ukoll żamm arma tan-nar u cioe' senter tad-ditta Breda, numru tas-serje 145300, u 'gas air pistol', tad-ditta Y & P, mudel M92F, mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

2. f'dawn il-Gżejjer, fl-istess żmien u ċirkostanżi, bħala persuna li ġiet fil-pussess ta' l-istess armi tan-nar u munizzjon, naqas li jagħti avviż minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' ġunju, 2005 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li s-senter tal-marka Breda hi arma liċenzjata u li l-proċess tat-trasferiment tagħha nbeda iżda fid-data taċ-ċitazzjoni dan il-proċess ma kienx finalizzat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' ġunju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 3(1) u 9 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħamsin lira maltin (Lm50). Tordna l-konfiska tal-'gas air pistol'. Tiddikjara li mhemmx lok għall-konfiska tas-senter tad-ditta Breda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------